IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.10.2019
COM(2019) 564 final

2019/0246 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' limiti tal-kapaċità għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, il-ġbir ta' *data* u l-miżuri ta' kontroll fil-Baħar Baltiku, u r-Regolament (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' waqfien permanenti għal flotot li jistadu għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

L-ekosistema fil-Baħar Baltiku ilha fi stat fraġli għal għexieren ta' snin. Madankollu, kien biss fl-2019 li x-xjenzjati wissew li l-kundizzjonijiet ambjentali iħallu impatt ħafna aktar importanti fuq il-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant milli kien stmat qabel. Is-sitwazzjoni issa qed tikkawża tnaqqis qawwi tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni hija mingħajr preċedent għax l-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant huwa l-uniku stokk fl-ilmijiet Ewropej li għalih il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (l-ICES) jivvaluta li l-mortalità naturali mill-pressjonijiet ambjentali hija tliet darbiet ogħla mill-mortalità mis-sajd. L-ebda stokk ta' ħut ieħor fl-ilmijiet Ewropej ma jinsab f'sitwazzjoni bħal din. L-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant mhuwiex mistenni li jirkupra qabel l-2024, anki jekk ma jsir l-ebda sajd.

Għalhekk, minħabba s-sitwazzjoni msemmija hawn fuq, din is-sena, fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli u f'konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u l-Pjan Pluriennali għall-Baħar Baltiku (minn hawn 'il quddiem il-"MAP Baltiku"), f'Lulju 2019 il-Kummissjoni adottat l-ewwel miżuri ta' emerġenza li jipprojbixxu s-sajd tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant sal-aħħar tas-sena; u t-tieni nett, f'Ottubru 2019 il-Kunsill iddeċieda dwar restrizzjonijiet meħtieġa u mingħajr preċedent dwar is-sajd għall-2020. Madankollu, mhux mistenni rkupru għal numru ta' snin. Għalhekk, dawn il-miżuri eċċezzjonali se jwasslu għal kapaċitajiet żejda tal-flotta kif ukoll għal konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi serji għall-komunitajiet kostali u n-negozji tas-sajd relatati. Is-settur tas-sajd huwa komponent ewlieni tal-ħajja ekonomika ta' ħafna reġjuni kostali fil-Baħar Baltiku. Madankollu, l-adozzjoni tal-kwota għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant ilha relattivament baxxa (taħt is-60 %) għal ħafna snin; fl-2018 l-adozzjoni kienet biss ta' 40 % u saħansitra inqas fl-2019 sa nofs Lulju meta bdew il-miżuri ta' emerġenza tal-Kummissjoni (19 %). L-adozzjoni tal-kwota relattivament baxxa sa mill-2018 setgħet kienet l-ewwel sinjal tas-sitwazzjoni ambjentali ħażina u tal-impatt kbir li għandha fuq il-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant.

L-analiżi tal-Kummissjoni turi li s-segmenti tal-flotta bl-ogħla dipendenza fuq il-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant jinkludu aktar minn 300 bastiment, prinċipalment bastimenti tat-tkarkir u tax-xbieki fil-Litwanja, fil-Latvja u fil-Polonja, u sa ċertu punt fid-Danimarka. Minn dawn, minoranza minnhom biss tidher reżiljenti biżżejjed biex tkampa fil-każ ta' għeluq fuq tul ta' żmien qasir — iżda mhux fuq perjodu ta' żmien medju jew twil. Il-bqija diġà jbatu minn sitwazzjoni batuta li se tiggrava minħabba l-għeluq jew li se jaraw il-profittabbiltà tagħhom tixxejjen. Dawn is-segmenti tal-flotta huma ta' importanza soċjoekonomika sinifikanti, għax jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor 20 % u 50 % tal-flotta nazzjonali rispettivament fil-Litwanja, fil-Latvja u fil-Polonja, espressi f'ekwivalenti ta' ingaġġ full-time. Minħabba l-għeluq totali ta' kwalunkwe sajd dirett għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u t-tnaqqis qawwi maqbul għal stokkijiet Baltiċi oħra mill-Kunsill fl-14–15 ta' Ottubru 2019, il-bastimenti u s-segmenti tal-flotta li ntlaqtu l-aktar mill-għeluq tas-sajd fil-mira tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant mhux ser ikunu kollha kapaċi jidderieġu mill-ġdid l-attivitajiet tas-sajd tagħhom għal speċijiet oħra. L-għeluq se jħalli impatt sostanzjali fuq il-flotot tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, b'impatt negattiv qawwi f'ċerti reġjuni u komunitajiet kostali. Abbażi ta' dan u b'kont meħud tal-kuntatti kontinwi mal-Istati Membri dwar l-impatt negattiv sinifikanti ta' din is-sitwazzjoni fuq is-settur tas-sajd u l-fatt li l-partijiet interessati ma jistgħux huma stess jimmitigaw il-konsegwenzi negattivi, il-Kummissjoni kkonkludiet li huma meħtieġa miżuri ta' kontinġenza għas-settur tas-sajd. Fost il-miżuri ta' kontinġenza

hemm l-introduzzjoni ta' limitu massimu għall-kapaċità tal-Istati Membri fil-Baħar Baltiku li l-flotot tagħhom huma affettwati mis-sitwazzjoni avversa għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u reġim ta' ħruġ ta' kapaċità għal flotot li qabel kienu jistadu għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant.

Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (minn hawn 'il quddiem "il-FEMS") stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huwa l-fond għall-politiki marittimi u tas-sajd tal-UE għall-2014 sal-2020. Dan huwa wieħed minn ħames Fondi Strutturali u tal-Investiment Ewropej (l-ESI), li jikkomplementaw lil xulxin u jfittxu li jippromwovu rkupru bbażat fuq it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi fl-Ewropa. Il-Fond jgħin lis-sajjieda fit-tranżizzjoni għal sajd sostenibbli; jappoġġja l-komunitajiet kostali fid-diversifikazzjoni tal-ekonomiji tagħhom u jiffinanzja proġetti li joħolqu impjiegi ġodda u jtejbu l-kwalità tal-ħajja mal-kosta Ewropea.

Għaldaqstant, dan il-fond jenħtieġ li jipprovdi l-possibbiltà lill-Istati Membri affettwati mis-sitwazzjoni ta' eċċezzjoni tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant li jipprovdu appoġġ finanzjarju biex jinkiseb u jinżamm bilanċ bejn il-kapaċità tal-flotta u l-opportunitajiet tas-sajd billi l-appoġġ finanzjarju għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd permezz tal-iskrappjar isir eliġibbli taħt il-FEMS 2014–2020. Dan l-appoġġ ingħata sa tmiem l-2017 (u ġie introdott reċentement għall-pjan pluriennali fil-Punent tal-Baħar Mediterran). L-introduzzjoni mill-ġdid tad-dekummissjonar fil-forma tal-iskrappjar hija miżura mhux prevista b'rispons għas-sitwazzjoni ta' eċċezzjoni tal-bakkaljaw Baltiku tal-Lvant. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-fond jipprovdi flessibbiltà addizzjonali f'din is-sitwazzjoni ta' eċċezzjoni billi jippermetti lill-istess Stati Membri jidderieġu mill-ġdid l-approprjazzjonijiet disponibbli tal-għajnuna għall-ħażna u l-Politika Marittima Integrata fi ħdan il-pakkett finanzjarju ta' kull Stat Membru għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd bil-ħsieb li jissaħħaħ il-bżonn li jiġu skrappjati l-bastimenti, u fl-istess ħin jiġi evitat impatt negattiv fuq il-kisbiet tal-objettivi CFP l-oħra u l-implimentazzjoni tal-FEMS. Din il-proposta għalhekk timmira għall-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baħar Baltiku billi tnaqqas il-kapaċitajiet żejda tal-flotta fis-sajd tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant.

Barra minn hekk, l-Istati Membri u l-Kummissjoni huma tal-opinjoni li hija meħtieġa azzjoni urġenti biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali ta' dik is-sitwazzjoni ambjentali u soċjali kritika. Dan ifisser li l-pressjonijiet ambjentali ewlenin fiż-żona tal-Baħar Baltiku li qed jipprevjenu l-irkupru tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant iridu jiġu indirizzati b'determinazzjoni ikbar, u li jrid jitnaqqas l-iżbilanċ strutturali fil-kapaċità tal-flotta tal-flotot li qabel kienu jistadu għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant. Din il-proposta għalhekk tintroduċi l-possibbiltà li jingħata appoġġ pubbliku għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd permezz tal-iskrappjar għas-sajjieda u l-operaturi li għandhom dipendenza sinifikanti fuq il-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u li huma affettwati mill-għeluq tas-sajd għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant.

Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-adattament strutturali tal-flotta fil-Baħar Baltiku mal-objettivi ta' konservazzjoni stabbiliti fil-Pjan ta' Ġestjoni Pluriennali, l-appoġġ għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd permezz tal-iskrappjar ta' bastimenti tas-sajd li għandhom dipendenza sinifikanti fuq il-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant jenħtieġ li jkun strettament kundizzjonali u marbut mal-kisba tal-miri u l-għodod ta' aġġustament definiti fil-pjanijiet ta' azzjoni għal segmenti żbilanċjati.

Fl-aħħar nett, jenħtieġ li jiġu introdotti miżuri ta' kontroll addizzjonali u li jittejjeb il-ġbir ta' *data* rilevanti.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta hija konsistenti mal-proposta tal-Kummissjoni għall-FEMS li jmiss u mal-aħħar pjan pluriennali.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-appoġġ għall-iskrappjar ta' bastimenti fil-Baħar Baltiku bħalissa mhuwiex eliġibbli għall-kofinanzjament taħt ir-Regolament tal-FEMS attwali, madankollu, huwa meħtieġ għall-implimentazzjoni effiċjenti tal-aħħar pjan pluriennali.

Barra minn hekk, l-appoġġ għall-waqfien permanenti ta' attivitajiet għall-iskrappjar ta' bastimenti ngħata sa tmiem l-2017 taħt il-FEMS. Dan l-aħħar ġie introdott appoġġ għall-Punent tal-Baħar Mediterran (ir-Regolament 2019/1022). Barra minn hekk, il-proposta tal-Kummissjoni għall-FEMS li jmiss għall-perjodu 2021–2027 tinkludi għal darb'oħra l-appoġġ għal waqfien permanenti permezz tal-iskrappjar.

Fl-aħħar nett, l-appoġġ għal waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku diġà ngħata skont ir-Regolament attwali permezz tal-programmi operattivi tal-FEMS (COM C(2019) 6496).

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta tidħol fl-ambitu tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Il-Politika Komuni tas-Sajd hija politika komuni. Wieħed mill-objettivi tagħha huwa li tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd ikunu ambjentalment sostenibbli fit-tul, iżda wkoll li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi. Abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli l-Unjoni ddeċidiet dwar restrizzjonijiet tas-sajd meħtieġa iżda mingħajr preċedent. Dawn se jwasslu għal kapaċitajiet żejda tal-flotta kif ukoll għal konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi serji għall-komunitajiet kostali u n-negozji tas-sajd kkonċernati. Il-ftuħ tal-possibbiltà li wieħed japplika għal appoġġ finanzjarju għal waqfien permanenti permezz tal-iskrappjar se jikkontribwixxi biex itaffi dawn il-konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi filwaqt li fl-istess ħin inaqqas il-kapaċità tal-flotta u l-pressjoni tas-sajd relatata fuq l-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: emenda ta' Regolament.

Din hija proposta għall-ġestjoni tas-sajd abbażi tal-Artikolu 43(2) tat-TFUE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Dan mhuwiex applikabbli minħabba n-natura eċċezzjonali tal-avveniment li din il-proposta teħtieġ.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-Istati Membri u l-partijiet interessati rilevanti, b'mod partikolari l-Kunsill Konsultattiv għall-Baħar Baltiku, ġew ikkonsultati dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-Baħar Baltiku għall-2020 fil-kuntest tat-tħejjija u n-negozjar tar-regolament rilevanti. L-isfidi li jirriżultaw mill-kapaċitajiet tal-flotta żejda u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi serji għall-komunitajiet kostali u għan-negozji tas-sajd relatati tqajmu minn diversi partijiet ikkonċernati tas-sajd u mill-Istati Membri. L-operaturi kollha, il-partijiet u l-Istati Membri kkonċernati enfasizzaw il-ħtieġa li tiġi indirizzata s-sitwazzjoni ta' flotot żejda b'mod strutturali billi jingħataw appoġġ finanzjarju biex jinkiseb u jinżamm bilanċ bejn il-kapaċità tal-flotta u l-opportunitajiet tas-sajd. Għal dan il-għan talbu li jingħataw appoġġ finanzjarju mill-Unjoni Ewropea għall-waqfien permanenti permezz tal-iskrappjar eliġibbli taħt il-FEMS 2014–2020.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

L-Unjoni kull sena tfittex parir xjentifiku dwar l-istat tal-istokkijiet importanti tal-ħut fil-Baħar Baltiku mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (l-ICES). Mill-parir tal-ICES jidher ċar li t-tnaqqis qawwi tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant aktarx li jibqa' problema għal bosta snin.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Twettqet valutazzjoni tal-impatt għall-proposta tal-Kummissjoni dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd għall-perjodu mill-2021 sal-2027. Din il-valutazzjoni tal-impatt identifikat u spjegat l-isfidi u l-problemi ewlenin li jridu jiġu indirizzati mill-programm futur ibbażat fuq sejbiet u evalwazzjonijiet ta' perjodi ta' programmazzjoni preċedenti, prijoritajiet politiċi ġodda u problemi emerġenti li jeħtieġu intervent tal-Unjoni. Ikkonkludiet li l-politika jeħtieġ tkun aktar immirata u aktar iffukata sabiex tindirizza aħjar il-kwistjoni tal-kapaċità żejda u s-sajd żejjed f'dawk is-segmenti tal-flotot tas-sajd tal-UE, li jkomplu jistadu għal stokkijiet f'livelli li mhumiex sostenibbli. L-appoġġ għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd huwa għalhekk propost mill-Kummissjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss tal-FEMS, taħt kundizzjonijiet stretti biex jiġi żgurat li tali appoġġ ikun immirat lejn il-kisba ta' bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli. Il-proposta bħalissa qed tiġi eżaminata mill-koleġiżlaturi. Minħabba n-natura eċċezzjonali tas-sitwazzjoni tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u s-sajd dipendenti fuq dan l-istokk ta' ħut, l-għażla politika tal-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd permezz tal-iskrappjar ta' bastimenti tas-sajd, hija għalhekk l-aħjar għażla. Ma hija disponibbli l-ebda għażla ta' politika materjalment u legalment differenti minbarra dik proposta.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet Fundamentali**

Din il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta tagħmel l-appoġġ għall-waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd permezz tal-iskrappjar ta' bastimenti tas-sajd eliġibbli għal darb'oħra taħt il-FEMS attwali. Il-finanzjament tal-UE relatat irid jingħata f'konformità mal-programmi operattivi tal-FEMS 2014–2020 u l-allokazzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri tal-FEMS relatati.

L-emenda proposta ma timplika l-ebda bidla fil-limiti massimi annwali tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-impenji u l-pagamenti skont l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1311/2013[1]. Il-proposta tista' tikkonsisti mill-antiċipazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagament u hija newtrali għall-finijiet tal-baġit għall-perjodu tal-ipprogrammar.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Mhux applikabbli.

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

2019/0246 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' limiti tal-kapaċità għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, il-ġbir ta' *data* u l-miżuri ta' kontroll fil-Baħar Baltiku, u r-Regolament (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' waqfien permanenti għal flotot li jistadu għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] iġorr l-impenn li jiġi implimentat l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd sabiex jiżgura li l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar ikunu minimizzati. Il-pjan irid ikun koerenti mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-objettiv li jinkiseb stat ambjentali tajjeb sal-2020, kif stipulat fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4].

(2) Skont il-valutazzjoni xjentifika tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (l-ICES), ħafna speċijiet u ħabitats tal-Baħar Baltiku mhumiex f'kundizzjoni tajba. L-inputs annwali tan-nutrijenti għadhom jaqbżu l-għanijiet maqbula reġjonalment fil-Baħar Baltiku ċentrali, fil-Baħar tal-Arċipelagu, u fil-Golf tal-Finlandja. Il-konċentrazzjonijiet tan-nutrijenti għadhom relattivament għoljin, kif ukoll il-firxa ta' żoni tal-baħar fond b'nuqqas ta' ossiġnu jew mingħajru. Il-livelli tal-kontaminanti għadhom għoljin meta mqabbla mal-biċċa l-kbira tal-ibħra Ewropej. Din is-sitwazzjoni ambjentali ġenerali taffettwa l-funzjonalità tal-katina tal-ikel, tnaqqas ir-reżiljenza u r-reżistenza kontra aktar bidliet ambjentali, u tnaqqas il-prospetti għal benefiċċji soċjoekonomiċi, inklużi l-opportunitajiet tas-sajd.

---

2 ĠU C , , p. .

3 Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1).

4 Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

(3) Id-deterjorament fil-kundizzjoni tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant (*Gadus morhua*) tintrabat ma' dik is-sitwazzjoni. Skont l-ICES, l-istokk isofri minn bijomassa insostenibbilment baxxa minħabba kombinazzjoni ta' tnaqqis fir-reklutaġġ, fatturi ambjentali u bidliet fl-ekosistema li jwasslu għal mortalità naturali għolja (madwar tliet darbiet il-mortalità mis-sajd), u mortalità eċċessiva minħabba l-istatus tal-istokk. Il-bijomassa tal-bakkaljaw ta' daqs kummerċjali bħalissa tinsab fl-aktar livell baxx osservat mis-snin 1950 'l hawn. Barra minn hekk, l-ICES qed jistma li l-bijomassa tal-istokk li jbid se tibqa' taħt il-punt ta' referenza għas-sostenibbiltà fit-terminu medju (2024), anki jekk ma jsir l-ebda sajd. Għaldaqstant, fil-parir tiegħu dwar l-istokkijiet għall-2020, l-ICES huwa tal-parir li ma jinqabadx dan il-ħut.

(4) Il-pjan pluriennali tal-Baltiku jistabbilixxi li, meta l-parir xjentifiku jindika li stokk ikun mhedded, iridu jittieħdu miżuri ta' salvagwardja, inkluż it-tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd u miżuri speċifiċi ta' konservazzjoni, u li dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu ssupplimentati bil-miżuri xierqa l-oħra kollha. Il-miżuri ta' rimedju jistgħu jinkludu s-sospensjoni tas-sajd fil-mira għall-istokk u t-tnaqqis adegwat tal-opportunitajiet tas-sajd. Skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) 2016/1139, l-għażla tal-miżuri trid issir skont in-natura, is-serjetà, it-tul u r-ripetizzjoni tas-sitwazzjoni.

(5) Abbażi tal-valutazzjoni tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/1248[5], li sal-31 ta' Diċembru 2019 jipprojbixxi s-sajd għall-bakkaljaw fis-suddiviżjonijiet 24 sa 26 tal-ICES.

(6) Fil-15 ta' Ottubru 2019, il-Kunsill adotta ftehim politiku dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fil-Baħar Baltiku. Dak il-ftehim jinvolvi tnaqqis neċessarju u bla preċedent ta' 92 % tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 meta mqabbel mal-2019 għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, u jillimita l-użu ta' din it-TAC għal qabdiet inċidentali biss. Għalhekk, l-ebda sajd immirat għal dan l-istokk ma għandu jkun permess. Peress li fis-suddiviżjoni 24 tal-ICES fil-biċċa l-kbira l-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant huwa preżenti, l-użu tat-TAC tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent fis-suddiviżjoni 24 huwa wkoll limitat għall-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant.

(7) Il-flotot tas-sajd li sa issa huma dipendenti fuq il-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant ma għandhomx il-possibbiltà li jistadu għal stokkijiet oħra bħala alternattiva. Huwa stmat li t-tpaċija tat-telf ekonomiku kkawżat mill-għeluq tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant tkun teħtieġ qabdiet addizzjonali ta' madwar 20,000 tunnellata fi speċijiet alternattivi. Madankollu, il-Kunsill qabel ukoll dwar tnaqqis drastiku għal stokkijiet oħra, u b'mod partikolari tnaqqis ta' 65 % għall-aringi tal-Baltiku tal-Punent, 60 % għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent, 32 % għall-barbun tat-tbajja', 27 % għall-aringa fil-Golf ta' Bothnia u 22 % għal-laċċa kaħla.

(8) L-analiżi tal-Kummissjoni turi li s-segmenti tal-flotta bl-ogħla dipendenza fuq il-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant jinkludu aktar minn 300 bastiment, prinċipalment bastimenti tat-tkarkir u tax-xbieki fil-Litwanja, fil-Latvja u fil-Polonja, u sa ċertu punt fid-Danimarka. Dawn is-segmenti tal-flotta huma ta' importanza soċjoekonomika sinifikanti, għax jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor 20 % u 50 % tal-flotta nazzjonali

[5] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1248 tat-22 ta' Lulju 2019 li jistabbilixxi l-miżuri li jnaqqsu t-theddida serja għall-konservazzjoni tal-istokk tal-Bakkaljaw tal-Lvant tal-Baltiku (*Gadus morhua*) (ĠU L 195, 23.7.2019, p. 2)

rispettivament fil-Litwanja, fil-Latvja u fil-Polonja, espressi f'ekwivalenti ta' ingaġġ full-time. Minn dawn, minoranza minnhom biss tidher reżiljenti biżżejjed biex tkampa fil-każ ta' għeluq fuq tul ta' żmien qasir — iżda mhux fuq perjodu ta' żmien medju jew twil. Il-bqija diġà jbatu minn sitwazzjoni batuta li se tiggrava minħabba l-għeluq jew li se jaraw il-profittabbiltà tagħhom tixxejjen. Tabilħaqq, l-użu tal-kwota għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant kien inqas minn 60 % għal ħafna snin, u dan kompla jonqos għal 40% fl-2018 u saħansitra inqas fl-2019 sal-bidu tal-miżuri ta' emerġenza tal-Kummissjoni f'nofs Lulju (19 %), li jirrifletti l-problema bijoloġika b'dan is-sajd. Minħabba li l-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant mhuwiex mistenni li jirkupra għal livelli b'saħħithom anki fit-terminu medju, se jkun hemm żbilanċ strutturali persistenti għal dawn is-segmenti tal-flotta, li b'hekk jiġġustifika r-ristrutturar tal-flotta.

(9) Ir-ristrutturar tal-flotta jrid jitwettaq f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], li jirrikjedi li l-Istati Membri jimplimentaw miżuri li jaġġustaw il-kapaċità tas-sajd tal-flotta tagħhom għall-opportunitajiet tas-sajd tagħhom matul iż-żmien, billi jitqiesu x-xejriet u abbażi tal-aħjar parir xjentifiku, bil-għan li jinkiseb bilanċ stabbli u dejjiem bejniethom. Sabiex jinkiseb dan l-objettiv, l-Istati Membri jridu jibagħtu lill-Kummissjoni, sal-31 ta' Mejju ta' kull sena, rapport dwar il-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd tal-flotot tagħhom u l-opportunitajiet tas-sajd tagħhom. Jekk il-valutazzjoni turi b'mod ċar li l-kapaċità tas-sajd mhijiex bilanċjata b'mod effikaċi mal-opportunitajiet tas-sajd, l-Istat Membru jrid iħejji, u jinkludi fir-rapport tiegħu, pjan ta' azzjoni għas-segmenti tal-flotta b'kapaċità żejda sinifikanti identifikata. Billi l-parir tal-ICES dwar id-deterjorament tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant ġie ppubblikat fis-29 ta' Mejju 2019, ir-rapporti eżistenti dwar il-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd ma kinux għadhom jistgħu jqisu din l-informazzjoni ġdida dwar l-istat serju tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u l-kapaċità żejda li rriżultat fil-flotot li qabel kienu mmirati għal dan l-istokk. Jenħtieġ li l-Istati Membri jindirizzaw din il-kapaċità żejda fir-rapporti li jmiss dwar il-bilanċ bejn il-flotot u l-opportunitajiet tas-sajd, mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2020.

(10) Fid-dikjarazzjoni politika tagħhom tal-15 ta' Ottubru 2019, l-Istati Membri kkonċernati jiddikjaraw li, jekk iridu jnaqqsu l-kapaċità tal-flotta biex jimmaniġġjaw il-konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi tat-tnaqqis tas-sajd, huma se jippreżentaw pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. L-Istati Membri jirrikonoxxu wkoll li fid-dawl tal-ħtieġa li titnaqqas il-kapaċità tal-flotta, huwa importanti li tiġi evitata għajnuna pubblika għal investimenti f'kapaċità addizzjonali ta' sajd.

(11) Skont il-parir tal-ICES ippubblikat fid-29 ta' Mejju 2019, madwar 70% tal-ħatt tal-bakkaljaw fis-suddiviżjonijiet 24-28 ittieħdu minn bastimenti tat-tkarkir b'fetħa għall-ħrib ta' 120 mm tat-tip BACOMA jew T90, u 15 % tal-ħatt tal-bakkaljaw ittieħdu minn għeżul b'daqsijiet tal-malja ta' bejn 110 mm u 156 mm. Dawn il-mestieri huma ġeneralment ikkunsidrati li jolqtu l-bakkaljaw u d-daqsijiet minimi tal-malji għalihom huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7].

---

6 Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

7 Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li

Il-mestieri l-oħra fl-ogħla 15-il post f'termini tal-ammont ta' ħatt l-art tal-bakkaljaw kull wieħed ikkontribwixxa inqas minn 5% għall-iżbarkar totali tal-bakkaljaw. Huwa importanti li jiġi żgurat li l-livelli tal-kapaċità tal-flotot tas-sajd għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant ma jiżdidux u li l-waqfien permanenti b'fondi pubbliċi jwassal għal tnaqqis effettiv tal-kapaċità tal-flotta. Il-livell ta' kapaċità tal-Istati Membri ta' dawn iż-żewġ segmenti tal-flotta jenħtieġ li jiġi limitat għal livelli ta' bastimenti attivi fis-snin l-aktar reċenti qabel l-applikazzjoni tal-miżuri ta' emerġenza, jiġifieri l-2017 u l-2018, u jenħtieġ li jitnaqqas meta l-bastimenti jiġu rtirati b'għajnuna pubblika, bil-għan li jinbena mill-ġdid l-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant.

(12) Il-limiti massimi tal-kapaċità li huma speċifiċi għall-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant jenħtieġ li japplikaw flimkien mal-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Jenħtieġ li dawn il-limiti massimi jillimitaw il-kapaċità fl-aktar livell riċenti ta' bastimenti attivi, bl-esklużjoni ta' dawk li ġew irtirati mingħajr l-għajnuna pubblika fis-snin preċedenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiżguraw li l-bastimenti mis-segmenti tal-flotta l-oħra ma jkunux jistgħu jiġu ttrasferiti lejn is-segment li jistad għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant. Sabiex jiġi garantit li l-limiti massimi tal-kapaċità jiġu rispettati, l-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-limitu massimu inizjali u kwalunkwe bidla fih.

(13) Minħabba l-kundizzjoni serja tal-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, jenħtieġ li jiġu introdotti miżuri addizzjonali għall-kontroll tal-qbid tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant. Il-limitu li minnu bastiment tas-sajd huwa meħtieġ li jħott il-qabda l-art f'post speċifiku jenħtieġ li jitnaqqas għal 250 kg. Barra minn hekk, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd li għandhom kwoti għall-bakkaljaw u li jistadu f'żoni fejn hemm preżenti l-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant iridu jiżguraw li l-attività tas-sajd tagħhom tkun tista' tiġi ssorveljata f'kull ħin mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

(14) L-ICES ħareġ valutazzjoni analitika tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant iżda ma kienx f'pożizzjoni li jipprovdi meded ta' mortalità mis-sajd u diversi punti ta' referenza minħabba nuqqas ta' *data* meħtieġa. Għalhekk, il-ġbir tad-*data* jrid jittejjeb billi jiġi żgurat li l-kopertura tal-osservaturi fuq il-baħar ta' bastimenti li jaqbdu l-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant tkun mill-inqas ta' 20%.

(15) Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd ("il-FEMS") stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8], jipprevedi, sal-31 ta' Diċembru 2017, għall-waqfien permanenti bħala għodda biex titnaqqas il-kapaċità strutturali żejda identifikata. Fejn l-Istati Membri identifikaw żbilanċ strutturali, il-pjan ta' azzjoni li rriżulta skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għalhekk ippermettielhom jinkludu l-waqfien permanenti bħala mod biex jintlaħqu l-għanijiet tal-pjan ta' azzjoni.

(16) Sabiex jittaffew l-effetti ekonomiċi negattivi kkawżati mis-sitwazzjoni ambjentali eċċezzjonali u persistenti fil-Baħar Baltiku u t-tnaqqis drastiku li rriżulta fl-

---

jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

8 Ir-Regolament (UE) 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).

opportunitajiet tas-sajd u fid-dawl tal-miżuri speċifiċi previsti fil-Pjan Pluriennali għall-Baħar Baltiku, jenħtieġ li jkun hemm disponibbli appoġġ pubbliku għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd permezz tal-iskrappjar ta' bastimenti tas-sajd, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jilħqu l-għanijiet tal-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u jitnaqqas kull żbilanċ strutturali identifikat fis-segmenti tas-sajd koperti mill-pjan pluriennali tal-Baltiku. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 508/2014 jiġi emendat skont dan biex jiġi introdott mill-ġdid l-appoġġ għal waqfien permanenti tal-bastimenti li għandhom dipendenza sinifikanti fuq il-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant.

(17) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-adattament strutturali tal-flotta fil-Baħar Baltiku mal-objettivi ta' konservazzjoni stabbiliti fil-Pjan ta' Ġestjoni Pluriennali, l-appoġġ għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd permezz tal-iskrappjar ta' bastimenti tas-sajd li għandhom dipendenza sinifikanti fuq il-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant jenħtieġ li jkun strettament kundizzjonali u marbut mal-kisba tal-miri u l-għodod ta' aġġustament definiti fil-pjanijiet ta' azzjoni għal segmenti żbilanċjati.

(18) Fid-dawl tal-ekosistema fraġli fil-Baħar Baltiku, jenħtieġ li l-appoġġ għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd ma jingħatax għat-tagħmir mill-ġdid ta' bastimenti tas-sajd għal attivitajiet oħra għajr is-sajd kummerċjali, bħas-sajd rikreattiv, li jista' jkollu impatt detrimentali fuq l-ekosistema. Għalhekk, jenħtieġ li tali appoġġ jingħata biss għall-iskrappjar ta' bastimenti tas-sajd.

(19) L-introduzzjoni ta' għajnuna għall-iskrappjar hija miżura mhux prevista b'reazzjoni għal sitwazzjoni ta' eċċezzjoni. Il-Kummissjoni ma tistax tipprovdi fondi pubbliċi addizzjonali għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd li jmorru lil hinn mill-pakkett tal-FEMS miftiehem għal kull Stat Membru. Madankollu, flessibbiltà addizzjonali fi ħdan il-pakkett tal-FEMS maqbula għal kull Stat Membru tippermetti lill-Istati Membri Baltiċi li identifikaw waqfien permanenti bħala għodda biex titnaqqas il-kapaċità żejda strutturali tal-flotot tagħhom li jistadu għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant biex jindirizzaw is-sitwazzjoni ta' eċċezzjoni mingħajr ma jipperikolaw prijoritajiet importanti oħra tal-FEMS, b'mod partikolari dawk relatati mal-iżvilupp sostenibbli tas-sajd, l-akkwakultura u ż-żoni tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014. Ir-riprogrammar mill-kategoriji msemmija fl-Artikolu 13(6) u (7) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 għall-waqfien permanenti jitqies bħala mod effettiv għall-għoti ta' din il-flessibbiltà.

(20) L-Artikolu 22(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jiddikjara li l-kapaċità tas-sajd li tikkorrispondi għall-bastimenti tas-sajd irtirati bl-għajnuna pubblika m'għandhiex tiġi sostitwita. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 23(1) ta' dak ir-Regolament, id-dħul fil-flotta ta' kapaċità ġdida mingħajr għajnuna pubblika jrid jiġi kkumpensat bl-irtirar minn qabel ta' kapaċità mingħajr għajnuna pubblika li tkun mill-inqas tal-istess ammont.

(21) Fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika ħażina tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'dipendenza sinifikanti fuq il-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u l-ħtieġa li tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' appoġġ taħt il-FEMS għal waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd ta' dawk il-bastimenti, ġie kkunsidrat xieraq li tkun prevista eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emenda għar-Regolament (UE) 2016/1139

Ir-Regolament (UE) 2016/1139 huwa emendat kif ġej:

1. Jiddaħħal il-Kapitolu VIA li ġej:

"KAPITOLU VIA
LIMITI MASSIMI TA' KAPAĊITÀ

Artikolu 8a
Tnaqqis fil-kapaċità għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant

1. Il-kapaċità globali ta' kull Stat Membru ta' bastimenti li jistadu fis-suddiviżjonijiet 24–32 tal-ICES mgħammra bil-kategoriji ta' rkaptu elenkati fil-paragrafu 2 ma għandhiex taqbeż il-livelli ta' kapaċità tal-bastimenti fir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni fi [...][9] li kienu attivi f'dawk is-suddiviżjonijiet fl-2017 u l-2018 għal dawk l-Istati Membri rispettivament. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-livelli tal-kapaċità u l-kalkoli tagħhom sa mhux aktar tard minn [...][10].

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika għal bastimenti mgħammra bil-kategoriji ta' rkaptu li ġejjin:

(a) irkaptu rmunkat b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 120 mm magħmula minn T90 jew mill-inqas 105 mm mgħammra b'tieqa tal-ħruġ tat-tip BACOMA ta' 120 mm;

(b) xbieki statiċi b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 110 mm u mhux aktar minn 156 mm.

3. Il-kapaċità globali ta' Stat Membru li jimplimenta miżuri ta' waqfien permanenti skont l-Artikolu 34(4)(b) tar-Regolament Nru 508/2014 għandha tnaqqas mill-kapaċità tal-bastimenti li huma rtirati permezz ta' għajnuna pubblika skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 22(4) tar-Regolament Nru 1380/2013.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kwalunkwe tnaqqis għall-kapaċità ġenerali fir-rapporti li għandhom jiġu ppreżentati skont l-Artikolu 22(4) ta' dak ir-Regolament."

2. Fl-Artikolu 14, il-punt (a) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) 250 kilogramma bakkaljaw".

3. Jiżdied l-Artikolu 14a li ġej:

"Artikolu 14a
Kontroll tal-qabdiet tal-bakkaljaw

Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd b'allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku u li jistadu fis-suddiviżjoni 24 tal-ICES f'żoni lil hinn

[9] Publications Office, please insert the date of the entry into force of this regulation
[10] Publications Office, please insert the date one month after the entry into force of this regulation.

minn sitt mili nawtiċi mil-linji ta' bażi jew fis-suddiviżjonijiet 25–32 għandhom jiżguraw li l-attività tas-sajd tagħhom tista' tiġi mmonitorjata f'kull ħin mill-awtoritajiet ta' kontroll tal-Istat Membru. Għal dak il-għan, dawk il-bastimenti tas-sajd jistgħu pereżempju jkunu mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS), jew b'sistema ta' monitoraġġ elettronika ekwivalenti ċċertifikata mill-awtorità tal-kontroll."

4. Jiddaħħal il-Kapitolu li ġej:

"KAPITOLU VIIIA
ĠBIR TAD-*DATA*

Artikolu 14b
Kopertura ta' osservazzjoni

Il-bastimenti tal-Unjoni b'allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw fis-suddiviżjonijiet 24–32 tal-ICES għandhom ikunu soġġetti għal mill-inqas 20% kopertura ta' osservazzjoni fuq il-baħar.".

Artikolu 2
Emenda għar-Regolament (UE) 508/2014

Ir-Regolament (UE) 508/2014 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 13, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"10. L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jaqbżu l-ammont stipulat fil-paragrafu 2 u li jmorru taħt l-ammonti stabbiliti fil-paragrafi 6 u 7 biex jappoġġaw il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 34(4)(b).".

2. L-Artikolu 34(4) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-appoġġ taħt dan l-Artikolu jista' jingħata sal-31 ta' Diċembru 2017, sakemm ma jiġux adottati miżuri ta' waqfien permanenti sabiex jinkisbu l-objettivi tal-pjanijiet pluriennali li ġejjin:

(a) il-pjan pluriennali għall-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli ta' stokkijiet demersali fil-Punent tal-Mediterran, stabbilit bir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*];

(b) il-pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, stabbilit bir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*], fir-rigward tal-bastimenti skont il-limitu tal-kapaċità globali għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant kif stabbilit fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 8a tar-Regolament (UE) Nru 2016/1139."

---

[*] Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 1).

[*] Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-

istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1).

3. L-Artikolu 34(4a) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4a. In-nefqa relatata mal-miżuri ta' waqfien permanenti adottati sabiex jinkisbu l-għanijiet tar-Regolament (UE) 2019/1022 għandha tkun eliġibbli mis-16 ta' Lulju 2019.

In-nefqa relatata mal-miżuri ta' waqfien permanenti adottati sabiex jinkisbu l-objettivi tar-Regolament (UE) 2016/1139, b'mod partikolari l-Artikolu 8a tiegħu, għandha tkun eliġibbli għal appoġġ mill-FEMS minn […][11].".

4. Fl-Artikolu 34, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"4b. Ma għandux jingħata appoġġ skont il-paragrafu 4(b), jekk il-valutazzjoni tal-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd fl-aħħar rapport imsemmi fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għas-segment tal-flotta li jiffurmaw parti minnu l-bastimenti kkonċernati, ma jkunx tħejja abbażi tal-indikaturi bijoloġiċi, ekonomiċi u tal-użu tal-bastiment stabbiliti fil-linji gwida komuni msemmijin f'dak ir-Regolament.

4c. L-appoġġ skont il-paragrafu 4(b) għandu jingħata biss jekk il-miri u l-għodod ta' aġġustament ikunu ġew stabbiliti skont l-Artikolu 22(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għas-segmenti tal-flotta li jkopru l-bastimenti msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 8a tar-Regolament (UE) Nru 2016/1139 u jekk dawn il-miri u l-għodod ikunu relatati ma' rtirar permanenti tal-kapaċità tas-sajd."

5. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 34(6) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"6. B'deroga mill-paragrafu 1, jista' jingħata appoġġ għall-waqfien permanenti ta' attivitajiet tas-sajd mingħajr skrappjar dment li l-bastimenti jinstallaw tagħmir biex jadattaw għal attivitajiet li mhumiex is-sajd kummerċjali. Din id-deroga m'għandhiex tapplika għall-appoġġ mogħti taħt il-paragrafu 4(b).".

Artikolu 3
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[11] Publication Office, please insert the date of effect of this Regulation.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*